**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 14 ta' Marzu, 2016**

**Rikors nru: 193/2015 MLF**

**Pamela Alamango**

**vs**

**Manuel Portelli**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Pamela Alamango, konfermat bil-gurament mir-rikorrenti stess, fejn talbet:

Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-21 ta' Ottubru, 2009 fl-simijiet "Pamela Alamango –vs- Manuel Portelli", Avviz Nru 162/07SM, kopja annessa mar-rikors promotur u mmarkata Dok A, l-intimat kien gie ordnat ihallas lir-rikorrenti Lm3,426.09, ekwivalenti ghal €7, 980.04, kif ukoll l-imghax u l-ispejjez gudizzjarji.

Illi, minkejja li ghaddew aktar minn hames snin mid-data tas-sentenza fuq imsemmija, l-intimat baqa' qatt ma hallas, minkejja diversi tenattivi ta' transazzjoni bejn il-partijiet li qatt ma wasslu soluzzjoni.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzahom (recte tawtorizzaha) illi tipprocedu sabiex tezegwixxi s-sentenza moghtija

mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-21 ta' Ottubru, 2009, nonostante illi ghaddew aktar minn hames snin mid-data tal-imsemmija sentenza.

Rat ir-risposta ta' Emmanuel Portelli fejn espona:

1. Illi permezz ta' rikors, ir-rikorrenti Pamela Alamango qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tezegwixxi s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrat fil-21 t'Ottubru, 2009 nonostante li ghaddew aktar minn hames snin mid-data tal-istess sentenza;
2. Illi l-esponenti in ottemporanza tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 1 ta' Lulju, 2015 qieghed jintavola din ir-risposta fit-terminu tal-ghoxrin (20) jum moghti lilu minn din l-Onorabbli Qorti;
3. Illi l-esponenti qieghed jopponi t-talba maghmulha mir-rikorrenti u dan stante illi huwa qatt ma gie notifikat bir-rikors promotur u cioe' bil-kawza fl-ismijiet 'Pamela Alamango vs Manuel Portelli' avviz numru 162/07 SM datata 21 t'Ottubru, 2009 tant illi lanqas biss kien a konnoxxenza li tista' tezisti xi sentenza fil-konfront tieghu sabiex ihallas is-somma ta' sebat elef disa' mija u tmenin Ewro u erbgha centezmi (€7,980.04) lir-rikorrenti;
4. Illi fil-fatt lanqas mhu minnu dak li qed tghid ir-rikorrenti fir-rikors taghha: "*…minkejja diversi tentattivi ta' transazzjoni bejn il-partijiet li qatt ma wasslu soluzzjoni*" u dan peress illi l-esponenti qatt ma gie avvicinat mir-rikorrenti u qatt ma gie nformat illi kellu xi titolu ezekuttiv fil-konfront tieghu. Illi fil-fatt din hija l-ewwel darba li l-esponenti qed jigi mgharraf li r-rikorrenti Pamela Alamango ghamlet xi proceduri gudizzjarji fil-konfront tieghu;
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti.

Ikkunsidrat:

Dan ir-rikors gie differit ghal provi kollha tal-partijiet ghas-seduta tas-7 ta' Marzu 2016.

F'dik is-seduta l-intimat ma deherx u lanqas ipproduca provi.

Rat ir-rikors guramentat promotur tar-rikorrenti, fejn inter alia qalet li l-intimat ghadu ma hallasx l-ammont kanonizzat bis-sentenza fuq imsemmija, ma gie bl-ebda mod kontradett – anzi fir-risposta tieghu, l-intimat qal li hu kien a konoxxenza li kien hemm din is-sentenza kontrih.

Illi din il-Qorti m'hix kompetenti f'dawn il-proceduri, biex tiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni tal-intimat li hu ma giex notifikat bir-rikors promotur tas-sentenza in kwistjoni, u se mai kellu jibda l-proceduri opportuni sabiex jannulla dik is-sentenza, haga li mill-atti ma jidhirx li ghamel , minkejja li gie notifikat bir-rikors promotur fit-12 t'Awwissu 2015.

Ghaldaqstant, il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn m'ghandhix tilqa' it-talba tar-rikorrenti.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tawtorizzaha illi tipprocedi sabiex tezegwixxi s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-21 ta' Ottubru, 2009, fl-ismijiet premessi. nonostante illi ghaddew aktar minn hames snin mid-data tal-imsemmija sentenza.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-intimat.

**(ft) Magistrat**
**Vera kopja**

**Deputat Registratur**